Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,332, 17 ta' Jannar, 2020
Taqsima B

A.L. 15 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Adult Education, Training and Development taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Adult Education, Training and Development taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Adult Education, Training and Development;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Adult Education, Training and Development; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad-Diploma in Adult Education, Training and Development; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2020 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikat fir-Regolamenti għad-Dħul.

(2) L-applikanti li jidħlu bħala "Studenti Adulti" skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom il-kwalifiki u l-esperjenza li jissodisfaw lill-Bord, permezz ta' intervista, li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. Flimkien mal-applikazzjoni tagħhom dawn l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu ittra miktuba bl-Ingliż fejn jagħtu l-motivazzjoni tagħhom għaliex applikaw għall--Kors flimkien ma' kopja tal-*Curriculum Vitae* tagħhom.

(3) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament għandhom ikunu għaddew f'test ta' proficjenza fil-Lingwa Ingliża kif approvat mill-Università qabel ma jidħlu fil-Kors, iżda l-applikanti li jkunu għaddew fil-Lingwa Ingliża fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla jew ikunu għaddew fl-istess livell fi kwalifika komparabbli, għandhom ikunu eżentati minn dan ir-rekwiżit.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul għall-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*.

(2) L-applikanti eliġibbli jistgħu jirreġistraw bħala studenti viżitaturi għal taqsimiet studju individwali u jiksbu l-kretti għalihom. Jekk fi żmien seba' snin minn meta jkunu segwew l-ewwel taqsima studju, l-applikanti jiġu aċċettati biex jidħlu fil-Kors, il-Bord jista' japprova t-trasferiment ta' dawn il-kretti għar-rekord akkademiku tal-Kors tal-istudent.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju, li għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsmiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS, għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux aktar minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

6. Suġġett għal tibdliet li l-Bord jista' jkun kostrett jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju preskritti li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 krettu ECTS u li jew jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat.

8. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma jekk jiksbu s-60 krettu ECTS kif indikat fil-programm ta' studju tal-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

9. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba waqt il-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

(3) Iċ-Ċertifikat jingħata mingħajr klassifikazzjoni.